# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 27 ta' Gunju 2017**

**Kawza Numru : 18**
**Rikors Guramentat Numru : 202/2016/LSO**

**John Bezzina KI. Nr. 181339M**

**vs**

**Anthony Bezzina KI.Nr.134147M u martu Josephine Bezzina KI.Nr. 864145M**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' John Bezzina, karta ta' identita' nr. 181339M, datat 11 ta' Marzu 2016 fejn espona: -

Dikjarazzjoni mahlufa tal-attur dwar l-oggett tal-kawza :

Illi huwa trabba fid-dar numru 64/65 , 'L-Ghodwa' Triq tad-Dawl, Haz-Zebbug, Malta, proprjeta` tal-genituri.

Illi bis-sahha tat-testmenti tal-genituri, Nazzareno u Carmela Bezzina li mietu rispettivament fit-18 ta' Lulju 1969 u fis- 6 ta' Jannar 1983 u cioe` l-erba' testmenti *unica charta* ricevuti min-Nutar Nicola Said fl-24 ta' Settembru 1958 , fit- 30 ta' Lulju 1960, fil-15 ta' Mejju 1963 u fl- 20 ta' Dicembru, 1963 (rispettivament annessi bhala Dok. A, B, C u D), u zewg testmenti ohra ta' ommu bhala armla, ricevuti mill-istess Nutar fis-7 ta' Ottubru, 1970 (Dok E) u fl-4 ta' Ottubru, 1978 (Dok F), bhala sidien ossija bhala 'nudi proprjetarji' tad-dar imsemmija, hemm :

- ohtu Guza Spiteri kwantu ghal sehem indiviz ta' tlieta minn hamsa (3/5) konsistenti f' sehem indiviz ta' nofs (1/2) imholli bi prelegat lilha mill-missier u sehem indiviz ta' wiehed minn ghaxra (1/10) bhala sehemha ta' ko-werrieta mill-wirt tal-omm;

- it-tliet hutu l-ohra subien, cioe' l-istess konvenut Anthony Bezzina, Philip u George (ossija l-aventi kawza tieghu peress li miet) kwantu ghal sehem indiviz ta' wiehed minn ghaxra (1/10) kull wiehed, provenjenti mill-wirt tal-omm;

- u huwa, filwaqt li wkoll bhal hutu is-subien ghandu wkoll 1/10 indiviz in proprjeta' mill-wirt ta' ommu, ghandu d-dritt ta' uzu u abitazzjoni.

Illi fil-fatt rigward l-istess dar, l-attur, residenti l-Inghilterra u spiss ikun ghal btala f'Malta, bis-sahha tal-ahhar testment tal-omm Carmela Bezzina, datat 4 ta' Ottubru, 1978 (Dok F), ghandu bi prelegat mill-omm *'per intero'* *" ... l-uzu u l-uzufrutt flimkien mad-dritt tal-abitazzjoni gratwita tad-dar Haz-Zebbug, Tad-Dawl Street, numni erbgha u sittin u hamsa u sittin (nr 64 u 65)* ...........*ghal tul il-hajja kollha... ";*

Illi filwaqt li l-konvenut huwa biss 'nudo proprjetarju' tal-imsemmi 1/10 indiviz minn din id-dar u ohtu Guza Spiteri hija 'nuda propjetarja' ta' din id-dar kwantu ghas-sehem ta' 3/5 indiviz, l-istess Guza Spiteri minn twelidha dejjem kienet tabita fl-imsemmija dar, fejn trabbiet, ghexet ma' zewgha u baqghet tiehu hsieb lill-genituri sa ma mietu rispettivament fl-1969 fl-1983;

Illi l-imsemmija Guza Spteri baqghet anke toqghod fid-dar *de quo* sussegwentement ghal mewt ta' ommha fl-1983, bil-kunsens tal-attur bid-dritt ta' uzu u abitazzjoni tad-dar intiera, sa ma l-konvenut abbuzivament finalment fl-20 ta' Awwissu 2014, barrielha totalment l-access ghal din id-dar;

Illi matul l-abitazzjoni trankwilla minn Guza Spiteri wahidha fl-imsemmija dar, b' effett mill-mewt ta' ommhom fl-1983 l-istess attur kull meta, ghal ben circa seba' darbiet

gie Malta ghal btala sal-2004, kien jabita flimkien ma' ohtu fl-istess dar bis-sahha tad-dritt tieghu ta' uzu u abitazzjoni;

Illi waqt li l-attur kien imsiefer, il-konvenut minghajr il-kunsens tal-attur, zgumbra lill-okkupanti ohthom mid-dar f' zewg stadji ghall-habta ta' April/Mejju 2013, u finalment u definittivament fl-20 ta' Awwissu 2014 mid-dar *de quo* waqt li kienet temporanjament qed tkompli rikoveru taghha fid-dar tal-anzjani St Jeanne D' Antide f' H' Attard in segwitu ghall-griehi li soffriet minhabba li kienet intlaqtghet minn vettura fit-18 ta' Dicembru 2013;

Illi l-konvenuti qeghdin jabitaw fl-imsemmija dar jew izommu l-kontroll taghha f' idejhom, minghajr ebda titolu ossija ebda jedd ta' uzu u abitazzjoni, li inversament jappartjeni lill-attur, li b' hekk qed jigi ipprivat mid-dritt tieghu li jabita fl-istess dar;

Illi filwaqt li b' ittra ufficjali ittra ufficjali tas- 6 ta' April 2015 numru 1216/15 (anness Dok. I), notifikata lill-konvenut fil-15 ta' April 2015, fost ohrajn, interpellah sabiex jizgura li fiz-zmien ghaxart ijiem hu u kull min hemm mieghu jivvaka l-imsemmija dar u jirrilaxxalu c-cwievet, il-konvenuti baqghu inadempjenti.

Illi hlief ghal parargfu 6, li dwaru jixhdu ohrajn, huwa jaf b'dawn il-fatti 'di scientia propria'.

**(B) Ir-Raguni tat-Talba.**

L-esponenti jiddikjara bhala raguni tat-talba :

- Illi, bis-sahha tal-ahhar testment datat 4 ta' Ottubru, 1978 (Dok F) ta' ommu Carmela Bezzina, li mietet fis-6 ta' Jannar 1983, huwa ghandu d-dritt ta' uzu u abitazzjoni tal-intier tad-dar numru 64/65, 'L-Ghodwa' Triq tad-Dawl, Haz-Zebbug ghall-hajtu kollha u huwa ukoll huwa komproprjterju ta' 1/10 indivizi tal-istess dar;

Illi filwaqt li hu jirrisjedi l-Inghilterra, mill-1983 l-hawn huwa regolarment gie Malta ghal btala u kull darba li gie sa qabel Gunju 2011, ezercita dan id-dritt tieghu ta’ uzu u abitazzjoni fl-imsemmija dar, fejn flha ukoll kienet minn dejjem toqghod sa minn twelidha ohtu Guza Spiteri u baqghet toghod hemm bil-kunsens tal-attur anke wara l-1983;

- Illi waqt li l-attur kien imsiefer l-Inghilterra, il-konvenut, *nudo* proprjetarju biss ta' 1/10 indivizi u ergo' minghjar ebda titolu ta' uzu u abitazzjoni, f’ zewg stadji f’ April/ Mejju 2013 u finalment wara nofs Awwissu, 2014, abbuzivament zgumbra lil Guza Spiteri mid-dar *de quo* u beda jabita jew izomm f’ idu l-kontroll ta’ din id-dar, bi pregudizzju ghad-dritt ta' uzu u abitazzjoni vestit fl-attur.

- Illi ghalhekk kellha issir din il-kawza mill-attur John Bezzina, sabiex il-konvenuti jigu zgumbrati minn dan il-fond jew jirrilaxxawh minn idejhom u b' hekk l-attur ikun

jista' jerga' jibda jezercita d-dritt tieghu ta' uzu u abitazzjoni f' din id-dar.

**(C) Talbiet**

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara li l-konvenuti qed jabitaw jew izommu taht fil-kontroll taghhom id-dar numru 64/65 'L-Ghodwa', Haz-Zebbug Malta, minghajr ebda titolu validu fil-ligi ghal tali uzu u abitazzjoni jew zamma tal-fond.

2. Tiddikjara li l-abitazzjoni jew iz-zamma ta' dan il-fond mill-konvenuti, hija bi ksur tad-dritt ta' uzu u abitazzjoni imholli lill-attur ghal tul hajtu kollha, skont l-ahhar testment (Dok. F) tal-4 ta' Ottubru, 1978 ricevut min-Nutar Nicola Said ta' ommu bhala armla Carmela Bezzina, li mietet fis-6 ta' Jannar 1983.

3. Tikkundanna u tordna lill-konvenuti sabiex sa zmien qasir u perentorju, li l-Onorabbli Qorti joghgobha tipprefiggi, jizgombraw minn din id-dar kompletament jew jirrillaxxawha minn taht idejhom u jikkonsenjaw ic-cwievet lill-attur.

Bl-ispejjez tal-prezenti kontra l-konvenuti, minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-26 ta' April 2016.

Rat illi minkejja li l-konvenuti gew notifikati bir-rikors u bl-avviz ta' smigh nhar it-22 ta' Marzu 2016 baqghu ma ipprezentaw l-ebda risposta u ghalhekk huma kontumaci; dan kif jidher *a tergo* ta' fol 35 tal-process

Rat il-verbali kollha tas-seduti mizmum quddiem il-Qorti, inkluz dak tal-Hamis, 27 ta' April 2017 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Kenneth Cutajar ghall-attur, li gibed l-attenzjoni ghal fatt li ghalkemm hallas sabiex in-notifika ssir wara l-hinijiet legali, in-notifika harget bil-posta, u xorta giet rifjutata. Il-Qorti rat l-Art 187 (8) tal-Kap 12, rat l-Art 193, u qieset li ghal fini ta' notifika ta' affidavits permezz ta' ufficjali tal-posta ghandu jitqies bhala notifika minn ufficjali tal-Qorti ghal fini tal-istess Art 187 tal-Kap 12. Il-Qorti regghet rat ix-xhieda tal-Purtier Christine Cassar, u hija sodisfatta li r-riferta hija prova ta' notifika skont il-ligi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza, b'dan illi, l-intimat ghandu 21 gurnata minn dan id-digriet biex jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet bin-notifika/*visto* tad-difensur tal-attur, li f'tali kaz ikollu hmistax (15)-il jum ghar-risposta, ghas-27 ta' Gunju 2017fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi permezz ta' dan il-kaz, ir-rikorrent qed jitlob ghall-izgumbrament tal-intimati mill-fond numru 64/65, "l-Ghodwa", Triq tad-Dawl, Haz Zebbug.

Illi l-intimati naqsu li jipprezentaw ir-risposta u ghalhekk huma kontumaci skont il-ligi.

**Fatti:**

Il-fatti relevanti ghall-kaz fil-qosor huma s-segwenti. Illi gew esebiti it-testmenti *unica charta* tal-genituri tar-rikorrenti, Nazzareno u Carmelo Bezzina, kif ukoll zewg testmenti tal-armla Carmela Bezzina Dok A sa Dok F (fol 6-28). Illi jirrizulta, li r-rikorrent ghandu sehem indiviz ta' wiehed minn ghaxra (1/10) tad-dar in kwistjoni, bhal hutu Philip, Anthony u Geroge, filwaqt li ohthom Guza Spiteri ghandha sehem indiviz ta' tlieta minn hamsa (3/5). Inoltre, jirrizulta mill-ahhar testment tal-armla Carmela Bezzina, li r-rikorrent thalla prelegat konsistenti fl-uzu u l-uzufrutt tal-imsemmi fond matul hajtu kollha. Illi r-rikorrent jghix fl-ingilterra izda jigi Malta regolarment ghall-btala. Irrizulta wkoll, li biex ma jinqalghux dizgwid mal-intimati, oht ir-rikorrent Guza Spiteri, li kienet tirrisjedi fil-fond *de quo,* baghtet ittra legali lir-rikorrent esebita Dok H biex ma jigix jabita aktar fil-fond meta huwa jkun Malta minhabba opposizzjoni qawwija tal-intimat. In segwitu, r-rikorrent kien baghat ittra ufficjali, numru 1216/15 datat 6 ta' April 2015 esebita bhal Dok I, izda peress li l-intimati baqghu inadempjenti, kellu jipprocedi b'dan il-kaz.

**Provi:**

**John Bezzina** xehed permezz ta' affidavit (fol 41-44) fejn qal, li hu cittadin Malta izda joqghod l-Inglterra, u jigi regolarment Malta ghall-btala. Semma li l-imsemmi fond kien proprjeta` tal-genituri tieghu, missieru miet fit-18 ta' Lulju 1969, u ommu mietet fis-6 ta' Jannar 1983. Qal ukoll, li l-genituri tieghu kienu ghamlu sitt testmenti, erba' minnhom *unica charta*, u ommu bhala armla ghamlet zewg testmenti, wiehed datat fl-1970, u fl-1978. Qal li bit-testment tal-1970, ommu hassret it-testmenti precedenti, Dok A u C, sabiex ohtu Guza kien baqghalha nofs(1/2) indiviz iehor tal-imsemmi fond li missierha kien hallilha bi prelegat.Spjega li bit-tieni testament taghha, ommu ghamlitu werriet daqs hutu l-ohra, b'konsegwenza li l-hames ahwa huma werrieta indaqs, izda ohtu Guza, baqghet bil-prelegat li kien hallielha missierha fi-testment Dok A u Dok C, ta' nofs indiviz tad-dar. Zied ighid li fl-ahhar testment taghha ommu riedet li hu jkolli l-uzu, l-uzufrutt u d-dritt ta' abitazzjoni tal-imsemmi fond ghal tul il-hajja kollha.

Qal ukoll, li ohtu Guza, li llum ghandha sitta u tmenin sena dejjem baqghet tghix f'dan il-fond anke wara li zzewget, ghalkemm illum armla, u meta kien jigi ghall-btala hu dejjem mar ighix fl-stess fond maghha minghajr problemi. Izda semma li f'Mejju 2011, kien ircieva ittra minghand ohtu Guza, esebit abhala Dok H, biex isib post iehor fejn joqghod meta jkun Malta, ghax huhom Anthony ma kellux pjacir bih. Semma li ssussegwentement ghal dan, wara li ohtu Guza sfat imtajra minn vettura, u ghamlet zmien l-isptar intbaghtet f'dar tal-anzjani, u meta ohtu Guza riedet tirritorna d-dar ghal xi hwejjeg ma setghetx tidhol minhabba

huha Anthony li kien ghalqilha l-access. Qal li hu baghat ittra ufficjali lil huh Anthony esebita bhala Dok I biex jizgombra mill-fond izda peress li baqa' inadempjenti, hu pproceda bil-kaz odjern.

**Guza Spiteri** xehdet permezz ta' affidavit (fol 83-86) fejn qalet li sa minn twelidha fl-1929, hi dejjem ghexet fl-imsemmi fond. Qalet li wara l-mewt ta' ommha hi kompliet tirrisjedi f'dan il-fond u huha r-rikorrent xi drabi gie joqghod maghha meta jkun Malta peress li hu ghandu d-dritt ta' uzu tad-dar. Irreferiet ghall-ittra li kienet baghtet lir-rikorrenti, esebita bhala Dok H, li kienet baghtet minhabba l-intimati u kkonfermat li minn dak iz-zmien ir-rikorrent ma baqax joqghod fid-dar meta kien jigi Malta. Hi kkonfermat li sal-2011, kull meta r-rikorrent kien gie Malta, kien joqghod maghha stante li kellu l-uzu ghal matul hajtu. Qalet li f'Mejju 2013, huha Anthony, kien biddel is-serratura tal-fond, u sussegwentement sakkrilha z-zewg bibien interni biex hi ma tkunx tista' tidhol. Spjegat li nonostante dan is-sokor, hi xorta setghet tidhol mill-bieb car tal-lemin, u fejn baqghet toqghod fir-rimanenti parti tad-dar, fejn hi setghet taccedi ghal zewg kmamar ta' fuq. Izda, sussegwentement, huha Anthony rega' zgumbraha mill-kumplament tad-dar, wara li kienet giet imtajra minn vettura u spiccat l-isptar u fid-dar tal-anzjani. Semmiet li meta f'Awissu 2014, kienu gew in-neputijiet biex tmur iggib xi hwejjeg mid-dar, u peress li kien tqieghed firroll,hi u n-neputija Pauline ma setghux jifthu. Kienu marru jaghmlu rapport l-ghassa tal-Pulizija, u pprocediet ukoll, b'kaz li gie deciz fis-27 ta' Ottubru 2016.

**Pauline Micallef** xehdet permezz ta' affidavit (fol 87-89) qalet li hi bint Philip, hu l-partijiet, ghalhekk tigi n-neputija taghhom. Semmiet li r-rikorrent kien ighix fl-Ingilterra u kien jigi ghall-btala Malta regolarment. Ziedet tghid li wara l-mewt tan-nanna taghha, r-rikorrent kien jigi Malta u kien imur joqghod fl-imsemmi fond fejn kienet tghix ohtu Guza. Qalet ukoll, li fl-2013, Guza kellha problemi mal-intimat, billi kien sakkrilha zewg bibien interni, u sussegwentement wara li kienent rikoverata l-isptar u fid-dar tal-anzjani, u kienu marru ghaliha dd-ar tal-anzjani, wassluha d-dar sabiex iggib xi hwejjeg. Dan kien fl-20 ta' Awissu 2014, izda l-bieb kien imbarrat bi stanga u hi ma setghetx taccedi aktar ghall-fond, b'hekk giet kompletament zgumbrata mill-fond minn huha Anthony. Qalet li hi kienet infurmat b'dan lir-rikorrent li kien l-ingilterra dak iz-zmien.

**Anna Cutajar** xehdet permezz ta' affidavit (fol 90-92) fejn qalet li hi ukoll bint Philip u tigi oht Pauline. Qalet ukoll, li sa minn meta kienet ta' eta` zghira tiftakar li r-rikorrent kien jirrsjedi l-ingilterra. Semmiet li xi drabi wara l-mewt tan-nana taghha, kienet tmur ghand iz-zija Guza u gieli nzertat ghal xi hin hemm lir-rikorrent li kien ikun malta ghall-btala u kien jirrsjedi hemm flimkien ma' ohtu Guza. Spjegat li fl-2013, Guza kellha l-access intern ghal dan il-fond imbarrat, u ssussegwentement, ir-rimanenti access li kien fadlilha ttiehed ukoll, billi meta kienu marru ghaz-zija Guza fid-dar tal-anzjani fl-2014, biex iwassluha d-dar biex iggib xi hwejjeg kienet sabet il-bieb inbarrat bi stanga. Qalet li hi dakinhar kienet baqghet fil-karozza, u wara baqghu sejrin l-Ghassa tal-Pulizija, fejn ohtha Pauline, kienet cemplet lill-intimat fil-prezenza tal-Pulizija.

**Raymond Arena** permezz ta' affidavit (fol 79) fejn qal li hu joqghod f'Haz-Zebbug qrib l-imsemmi fond, mertu tal-vertenza odjerna. Qal li jaf li r-rikorrent kien ighix fl-Ingilterra u kien jigi regolarment kull sajf, u anke xi drabi ohra matul is-sena. Zied ighid li kien jiltaq' mar-rikorrent fil-pjazza tar-rahal u dejjem jaf li kien gie joqghod flimkien ma' ohtu fl-imsemmija dar sal-2010, ghax wara dik id-data ghalkemm baqa' jiltaqa' mieghu ma kienx baqa' jmur joqghod fl-imsemmija dar.

**Fattispecje tal-kaz in ezami:**

Riferibbilment ghan-notifika lill-kontro-parti kontumaci tal-affidavits esebiti, giet ezaminata x-xhieda tal-purtier Christine Cassar, li kkonfermat, li dawn intbaghtu bil-posta, u waslet ir-riferta lura ghandha bil-kliem 'Refused'. Ghallhekk, ikkonsidrat, li mir-riferta a fol 149 tal-process, jidher li n-notifika saret skont il-ligi ai fini tal-artikolu 187 tal-Kap 12.

Illi jirrizulta li l-intimati Anthony u Josephine Bezzina huma kontumaci billi naqsu li jipprezentaw risposta ghalhekk huma kontumaci skont il-ligi. Inoltre`, naqsu milli jipprezentaw is-sottomissjonijiet bil-miktub, wara li gew moghtija din il-fakolta` permezz tal-verbal tas-27 ta' April 2017.

Jigi ritenut li l-kontumacja hija fiha nnifisha mhijiex ammissjoni izda ghandha tigi interpretata bhala oppozizzjoni hekk kif ritenut fil-gurisprudenza.

*"Hu pacifiku li l-kontumacja ma hijiex ammissjoni."* **("Charles Saliba s Salvu Borg" -** Appell 27-6-1997) u "skont kif dejjem gie riferut minn dawn il-Qrati l-kontumacja ghandha tigi interpretata wkoll bhala oppozizzjoni u l-Qorti ghalhekk tidhol f'certi dettalji li thoss illi huma mehtiega biex tistabilixxi l-verita` tal-fatti." (**"Ruth Apap vs Noel Apap"** – PA. FDP 30-6-1995, u **Emanuel Spiteri et vs Benedetta Meilak noe.** PA AF 15-1-2014).

Ghalhekk, jibqa' dejjem jinkombi fuq ir-rikorrent li jipprova t-talba tieghu hi gustifikata fil-fatt u fid-dritt. Jigi osservat, li r-rikorrent esebixxa kopji tat-testmenti kollha *unica charta* tal-genituri tieghu, kif ukoll it-testmenti li ghamlet l-omm wara l-mewt ta' zewgha, Dok A, datat 24 ta' Settembru 1958, Dok B datat 30 ta' Lulju 1960, Dok C datat 15 ta' Mejju 1963, Dok D datat 20 ta' Dicembru 1963, u Dok D datat 20 ta' Dicembru 1963. Inoltre`, gew esebiti, Dok E datat 7 ta' Ottubru 1970, u Dok F testament ahhari datat 4 ta' Ottubru 1978, it-tnejn li huma testmenti ta' l-armla Carmela Bezzina.

Fl-ahhar testament tad-defunta Carmela Bezzina, r-rikorrent thalla sehem ugwali daqs hutu l-ohra, u minbarra hekk hemm disposizzjoni cara, fejn fih hemm specifikament provvdut, li:

"*It-testatrici Carmela Bezzina thalli b'titolu ta' prelegat lil binha Giovanni Bezzina l-uzu u l-uzufrutt flimkien mad-dritt tal-abitazzjoni gratuwita tad-dar Haz-Zebbug, Tad-Dawl street, numru erbgha u sittin u hamsa u sittin (n.64 u 65) u*

*l-uzu tal-ghamara u tas-sostanzi mobili li jkunu jezistu fl-istess dar fil-gurnata tal-mewt tat-testatrici "a limine intus" ezenti minn kull obbligu tal-inventarju u tal-kawzjoni, u dan ghal tul il-hajja kollha tal-prelegatarju Giovanni Bezzina."*

Illi hu manifestament car mir-rizultanzi fattwali u mill-assjem tal-provi li r-rikorrent qed jigi prekluz milli jgawdi u jezercita t-titlu ta' uzu u uzufrutt mholli lilu bl-agir tal-intimat. Dan huwa korroborat permezz tax-xhieda ta' ohtu Guza Spiteri, li fl-affidavit taghha sahansitra rreferiet ghall-fatt li hi kellha tirrikorri ghall-Qorti minhabba li sofriet molestja da parti ta' huha Anthony (l-intimat fl-kaz odjern), billi kien nehhielha l-access shih ghall-fond *de quo*. Ix-xhiedha ta' oht ir-rikorrent hija wkoll ikkonfermata min-neputijiet taghha fl-affidavit taghhomm

Illi kif hemm dispost, fl-ahhar testament tal-omm Dok F, ir-rikorrent ghandu l-uzu, uzufrutt u dritt ta' abitazzjoni gratuwita matul hajtu kollha.  Kwindi l-intimati qed jiddetjenu l-fond bla titolu u abuzivament.

Ghaldaqstant ser takkolji t-talbiet tar-rikorrent.

## III. <u>KONKLUZJONI:</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi** billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-intimati qed jabitaw jew jiddetjenu l-fond numru 64/65 "L-Ghodwa", Haz-Zebbug Malta, minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara li d-detenzjoni jew abitazzjoni tal-imsemmi fond mill-intimati jikser id-dritt ta' uzu u abitazzjoni li gie mholli lir-rikorrent matul hajtu kollha permezz tat-testment tal-armla Carmela Bezzina, datat 4 ta' Ottubru 1978 in atti tan-Nutar Nicola Said.

3. Tilqa' t-tielet talba u tikkundanna u tordna lill-konvenuti sabiex fi zmien perentorju ta' ghoxrin (20) jum millum jizgombraw mill-imsemmi fond u jikkonsenjaw ic-cwievet lill-attur.

**L-ispejjez jithallsu mill-intimati.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**27 ta' Gunju 2017**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**27 ta' Gunju 2017**